**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti Istruttorja

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 629/2018 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spetturi Fabian Fleri u Leeroy Balzan Engerer)**
**vs**
**Andrew Mangion**

**Illum 3 ta' Novembru 2021**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Andrew Mangion ta' 42 sena, iben Leone u Maryanne nee' Micalef, imwieled il-Pieta' nhar it-23 ta' April, 1976 u residenti ġewwa Binja Indipendenza Entratura D Flat 7 Triq id-Disgħa ta' Frar 1799 San Ġwann u detentur tal-karta ta' Identità bin-numru 240176M.

1. Nhar it-13 ta' Settembru 2018, għall-ħabta ta' bejn id-09:00hrs u 14:30hrs, minn ġewwa appartament bin-numru 2 fil-blokka bl-isem ta' Perit Flats li tinsab ġewwa Triq Spinola San Ġiljan ikkommetta serq ta' flus kontanti u diversi affarijiet oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Ewro u sebgħa' w tletin ċenteżmu (€2329.37), u il-lok li

sar għad-dannu ta' diversi persuni; *Artikoli 261 (b)(c)(e); 263(a); 267; 269(g); 278(3); 280(2); tal Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. Nhar is-27 ta' Settembru, 2018, għall-ħabta ta' bejn it-08:30hrs u 13:45hrs, minn ġewwa appartament bin-numru 8B fil-blokka bl-isem Adrian Flats li tinsab ġewwa Triq Depiro, Sliema ikkommetta serq ta' flus kontanti u diversi affarijiet oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Ewro u sebgħa' w tletin ċenteżmu (€2329.37), u il-lok li sar għad-dannu ta' diversi persuni; *Artikoli 261 (b)(c)(e); 263(a); 267; 269(g); 278(3); 280(2); tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. Fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi f'dawn il-gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali ppresjeduta mill-Imħallef Dr. Edwin Grima LLD datata 4 ta' Mejju 2018 bid-digriet tagħha li bih tat il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet b'depositu ta' €10,000 u garanzija personali ta' €50,000. *Artikoli 579 (1)(2)(3) tal Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

4. Fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi f'dawn il-gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali Imħallef Dr. Giovanni Grixti LLD datata 19 ta' Frar 2018 fid-digriet tagħha li biħ tat il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet b'depositu ta' €4,000 u garanzija personali ta' €12,000. *Artikoli 579(1)(2)(3) tal Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Il-Qorti kienet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà tal-persuni kollha offiżi, jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku jew għall-iskop tal-protezzjoni tal-persuni msemmija u l-familji tagħhom minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat skont l-Artiklu 412C tal-Kap. 9 u f'każ ta' ħtija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuni offiżi u l-familji tagħhom ai termini tal-Artikli 383, 384, 385, 382A u 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Fabian Fleri u Leeroy Balzan Engerer ġara u konferma bil-ġurament iċ-ċitazzjoni fil-konfront ta' l-imputat datata 4 ta' Ottubru 2018.

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti eżebiti u cioe', okkorrenza, fedina penali mmarkata bħala Dok AM1, kif ukoll ċertifikat tat-twelid immarkat bħala Dok AM2.

Fit-18 ta' Ottubru 2018 xehed l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Fabian Fleri. Matul din ix-xhieda ġew ppreżentati dokumenti ta' elevazzjoni tal-affarijiet li huwa mmarkat bħala Dok FF15, Mandat ta' arrest immarkat bħala Dok FF17, Rapport tal-inċident fl-indirizz PERIT APPARTMENT, Triq Spinola San Ġiljan imniżżel bħala Dok FF18, Rapport tal-inċident fl-indirizz ADRIAN FLATS, FLAT 8B Triq Depiro Sliema imniżżel bħala Dok FF19, Sebgħa (7) ritratti imniżżlin bħala Dok FF22, elevazzjoni tal-affarijiet li huwa mmarkat bħala Dok FF23, Mandat ta' Arrest immarkat bħala Dok FF24, Mandat ta' tfittxija mmarkat bħala Dok FF25 u Rapport tal-inċident fl-indirizz CASA SPINOLA, 32 FLT 5, TRIQ SPINOLA SAN GILJAN, immarkat Dok FF26. Ġiet eżebita borża sewda kontenenti mobile Samsung, papoċċ skur griż, flokk aħmar, jeans iswed.

Fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2019 deher l-uffiċjal xehed bil-ġurament Caballero Villanueva Anderson Maurica u l-Ispettur Leeroy Balzan Engerer.

Fis-16 ta' Mejju 2019 xehdet bil-ġurament Nadia Ciappara li ppreżentat Process Verbal bin-numru 975/2018 li jinsab immarkat bħala Dok NC1, proċess Verbal bin-numru 197/2019 li immarkat bħala Dok NC2.

Xehed bil-ġurament ukoll Loris Scardino.

Nhar il- 25 ta' Lulju 2019 xehed bil-ġurament l-ispettur Jonathan Ransley u PC959 Daniel Formosa. Xehed bil-ġurament Jeremy Alamango li ppreżenta korrispondenza mmarkata bħala Dok JA1 u żarbun immarkat bħala Dok JA2. Ġiet eżebita borża sewda taż-żibel li fih żarbun ppreżentat minn Jeremy Alamango.

Fis-seduta tat-3 ta' Ottubru il-Qorti semgħet ix-xiehda bil-ġurament ta' PS Ivan Attard, PS 336 Francesco Imbroll u Simon Daldon.

Fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2019 xehed bil-ġurament L-Ispettur Leeroy Balzan Engerer.

Fis-seduta tas-27 ta' Frar 2020 xehdet bil-ġurament WPC 164 Maria Vassallo, fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2020 ġie esebit kopja tal-*bail conditions* immarkat Dok MA1.

Fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2021 xehdu bil-ġurament Dr. Martin Bajada li ppreżenta rapport immarkat bħala MB1, u John Spiteri.

Id-difiża esebiet ċertifikat mediku immarkat bħala Dok LV.

**Ikkunsidrat:**

Fatti tal-Każ

Illi dan il-każ jirrigwarda żewġ serqiet li seħħew ġewwa San Giljan u tas-Sliema. Illi jidher mill-investigazzjoni li għamlu l-Pulizija, irnexxielhom jaslu ghall-imputat wara li huwa kien daħal ma' persuna oħra gewwa residenza minn fejn saret is-serqa. Ġara li l-imputat u persuna oħra daħlu fil-komun ta' din il-binja gewwa San Ġiljan. Minħabba l-fatt li ġewwa din il-binja kienet mgħammra b'CCTV ġewwa, il-Pulizija ingħataw il-filmat u setgħu jidentifikaw lill-imputat bħala wieħed mill-persuni li kien involut fis-serqa. Ġara li l-Pulizija talbu mandat t'arrest fil-konfront tal-imputat u ġie arrestat ġewwa l-bini tal-Qorti. Wara li l-imputat Andrew Mangion ikkonsulta mal-avukat tiegħu. Illi ġara li meta kienet għaddejja l-interrogazzjoni tal-imputat, huwa ammetta li kien wieħed minn dawn il-persuni li kienu involuti fis-serqa ta' San Giljan tant li kien għaraf lilu nnifsu mill-filmat tas-CCTV li ġie muri lilu. Fl-istess waqt huwa ammetta wkoll li kien involut f'serqa oħra li kienet seħħet ġewwa Tas-Sliema fis-27 ta' Settembru 2018 pero' ma semma' lil ħadd min kien involut miegħu f'dawn is-serqiet.

Ikkunsidrat

Illi matul il-kors ta' dawn il-proċeduri, xehdu diversi xhieda kemm il-vittmi kif uffiċjali tal-Pulizija li kienu involuti fl-investigazzjoni. Illi ma' dawn ġew esebiti wkoll rapporti tal-inkjesta li kienet saret fil-konfront ta' dawn iż-żewġ serqiet.

Illi fis-seduta li saret nhar l-20 t'Ottubru 2021 l-imputat ammetta għall-akkużi kif dedotti kontra tiegħu u reġistrata quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba tiegħu u tatu żmien xieraq biex jekk irid, jista' jerġa' lura minnha u fil-fatt huwa reġa' tenna l-istess ammissjoni tiegħu.

Semgħet it-trattazzjoni fuq il-piena.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat ikkopera kważi bi sħiħ mal-Pulizija Eżekuttiva waqt l-investigazzjonijiet tagħha kif ukoll il-fedina penali kważi netta ta' l-imputat.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi, Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 267, 269(g), 278(3), 279(b), 280(2), 533, 579(1)(2)(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u fuq ammissjoni tal-imputat, ssib lill-imputat, Andrew Mangion, ħati tal-imputazzjonijiet fil-konfront tiegħu u tikkundannah ghal piena ta' sentejn u għaxar xhur priġunerija effettiva li minnhom għandu jitnaqqas il-perjodu li l-ħati għamel bħala arrest preventiv, kif ukoll multa ta' elf Ewro (€1000) li għandha titħallas fi żmien erba' u għoxrin xahar mil-lum.

Dwar l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li l-ħati jħallas nofs l-ispejjeż involuti għal dak li għandu x'jaqsam mal-ewwel akkuża stante għal fatt li hemm persuna ohra akkużata wkoll b'dan ir-reat li jammonta għal €480.19. Illi wkoll il-Qorti tordna li l-ħati jħallas l-ispejjeż kollha għal dak li għandu x'jaqsam mat-tieni akkuża stante li huwa akkużat hu biss liema spejjez jammontaw għal €1378.08. Għalhekk it-total ta' spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' periti li jrid iħallas il-ħati b'ordni ta' din il-Qorti jammonta għal €1858.27.

U tordna wkoll li l-ammont stabbiliti relatati mal-ħelsien mill-arrest imposti fuq il-ħati permezz ta' digrieti datati 19 ta' Frar 2018 u l-4 ta' Mejju 2018 bħala garanzija m'għandhomx jiġu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta ai termini ta' l-Artikolu 579(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-hati.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Dr. Federico Barbaro-Sant**
**Deputat Reġistratur**